KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 17/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 17

*It-Tlieta 27 ta' Ottubru 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti
14A (3):

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

1.2. Hawnhekk is-Sindku informa lill-membri illi il-Kunsillier Axisa kien naqas milli jattendi terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri illi l-Att 363 jgħid:

*"Il-kunsillieri għandhom jattendu l-laqgħat kollha kif provdut taħt dan l-Att u l-Ministru għandu, wara li jkun mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv, b'avviż iffirmat minnu u indirizzat lis-Segretarju Eżekuttiv, jiddikjara li post ikun vakanti jekk kunsillier jonqos li jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill jew b'kollox ikun naqas għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur u fil-fehma tal-Ministru dik l-assenza ma kienitx ġustifikata:*

> *Iżda ukoll meta l-kunsill ikun irrisolva li n-nuqqas ta' attendenza jkun għal raġuni ġusta, is-Segretarju Eżekuttiv, meta jgħarraf lill-Ministru bin-nuqqas tal-kunsillier, għandu wkoll jagħtih ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-Ministru ma jiddikjarax dak il-post vakanti."*

Wara li iddiskutew dan, il-membri qablu li n-nuqqas ta' attendenza kienet ġustifikata u għaldaqstant talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħarraf lill-Ministru bin-nuqqas tal-kunsillier, imma wkoll iwassal ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-Ministru ma jiddikjarax dak il-post vakanti.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 16 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt nr.8.1 is-Sindku ippropona li t-triq ta' wara iċ-ċimiterju tissemma għall-Kappella ta' San Ġakbu li hemm fuq barra tal-parti ta' din it-triq. Il-membri qablu li għanda issir din it-talba.

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mill-Awtorità tad-Djar dwar l-skema tal-komun tal-binjiet tal-Gvern li fadal biex jibbenefikaw. Is-Sindku talab lil Viċi Sindku, responsabbli mill-*Housing*, sabiex jara kif imexxi din l-iskema mal-amministrazzjoni tal-Kunsill.

3.2. Talba sabiex parti mit-triq Brittanja tissemma għas-Sinjura Anna Maria Campbell (Korista). Il-membri iddiskutew din it-talba u qablu li jieħdu nota ta' din it-talba sabiex ikun jista' wieħed jinvestiga aktar fil-fond kif dan jista' isir.

3.3. Korrispondenza mingħand *The Notebook Centre* sabiex jerġa isir ftehim li permezz tiegħu residenti Pawlisti ikollhom servizz ta' format tal-kompjuters b'xejn. Il-membri iddiskutew l-ittra preżentata u raw li n-numri mogħtija ta' persuni li bbenefikaw mis-servizz fis-sena preċedenti huma ftit esaġerati u talbu lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv jaraw il-validità tan-numri ppreżentati u ma japprovawx jekk ma jkunux komdi bil-figuri kif ikunu ppreżentati.

3.4. Korrispondenza mingħand l-Aġenzija għall-Ħarsien tat-tfal sabiex isir użu mis-sala tal-Kunsill f'każ li tkun ix-xita fil-bandli meta dawn ikunu qed jagħmlu viżti lit-tfal li jkunu għaddejjin min każijiet partikolari. Il-membri approvaw.

3.5. Korrispondenza mingħand l-Active Ageing Unit sabiex isir użu mis-sala/uffiċju/kamra tal-Kunsill sabiex isiru intervisti ma' applikanti relatati mal-kontinenza għal madwar darba f'xahar. Il-membri approvaw dan.

## 4. Proġett tal-Pjazza

4.1. Is-Sindku informa lill-membri illi fl-aħħar ġranet kienet sargħet laqgħa mal-kuntrattur li għamel ix-xogħol tal-pjazza flimkien mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta fejn intlaħaq qbil dwar ix-xogħol li għandu isir marbut man-nuqqasijiet tal-proġett tal-pjazza. Is-Sindku infatti kkonferma li kien tiġa iltaqa' mal-perit tal-kuntrattur sabiex jara x-xogħol li għandu isir, liema xogħol ser ikun finanzjat mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta. Is-Sindku qal ukoll li f'din l-istess laqgħa kienet diskussa l-possibilità li jiġu modifikati il-funtani ta' quddiem il-Knisja sabiex jitneħħa l-periklu.

4.2. Il-Kunsillier Bartolo qal li s-Sindku għandu wkoll jassumi responsabiltà għall-ħsarat li saru fil-proġett għax kien ikun preżenti fil-laqgħat u waqt ix-xogħolijiet li saru. Is-Sindku fakkar li huwa kien biss preżenti fil-laqgħat li kienu miftuħa għall-Kunsill kollu fejn il-Kunsill Lokali kien biss ikun ikkonsultat u s-sid tal-proġett dejjem kien il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta u d-deċiżjonijiet finali kienu dejjem tal-istess Kunsill Konsultattiv. Is-Sindku żied li huwa kien kontra ħafna affarijiet li spiċċaw saru xorta waħda.

4.3. Is-Sindku kompla li ser jissewwew ukoll il-ħsarat fil-pavimentar però ma jistax isir ix-xogħol għalissa meta hemm Vjal Sir Paul Boffa magħluq u l-Pjazza qed iservi bħal arterja tat-traffiku.

4.4. Il-Kunsillier Axisa ikkonferma li l-laqgħat kienu jsiru fuq il-pjazza b'mod regolari u għalkemm ma kienux ikunu mistiedna b'mod uffiċjali kienu jkunu infurmati bl-iżviluppi u jiftakar ukoll f'istanzi meta kien anke attenda l-Kunsillier Bernard Lynch. Il-Kunsillier Axisa żied illi madankollu huwa ma jistax jgħid li jinsab kuntent b'mod totali fuq il-proġett tal-Pjazza.

5. **Proġetti-ġonna**

5.1. Is-Sindku ppreżenta lill-membri il-pjanti modifikati tal-ġnien ta' Telgħet Raħal Ġdid hekk kif il-pjanti ġew aġġornati mill-Perit tal-Kunsill u issa kif japprova l-Kunsill dawn il-pjanti jiġu issottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-membri approvaw il-pjanti kif ppreżentati.

5.2. Dwar Ġnien Dom Mintoff, is-Sindku informa lill-membri illi huwa kompla bid-diskussjonijiet mal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex isiru x-xogħolijiet li fadal fil-ġnien qabel dan jgħaddi f'idejn il-Kunsill. Is-Sindku talab ukoll li jinstabu t-tabelli li kienu tneħħew fid-dawl li qed issir ħsara fil-pjanti u t-turf minħabba l-ħmieġ tal-klieb.

6. **Inċineratur tal-Marsa**

6.1. Is-Sindku qal li ftit ġimgħat ilhu kellu laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Wasteserv dwar l-intejjen tal-Inċineratur fejn dan infurmah li l-problema ser tissolva b'mod sħiħ meta dan l-inċineratur jgħalaq madwar erba'/ħames snin oħra u biex titnaqqas il-problema trid erba' xhur min tal-anqas. Huwa kompla li anke fl-isfond tal-ħruq li sar f'din l-istess ġurnata, il-Kunsill għandu jitlob li l-problema tissolva fi żmien ġranet u mhux nistennew xhur sabiex tinstab soluzzjoni. Is-Sindku staqsa dwar il-possibbiltà ta' periklu fis-saħħa li dawn l-intejjen possibbilment jagħmlu.

6.2. Wara diskussjoni il-membri qablu li għanda tintbagħat korrispondenza lill-Ministru Aaron Farrugia sabiex tingħata garanzija li l-problema tissolva fi żmien ġranet fejn il-Kunsill jirriserva wkoll kull dritt mogħti lilu bil-liġi għal-azzjonijiet oħra f'każ li l-problema tippersisti. Il-Kunsillier Axisa talab li qabel jittieħdu proċeduri legali ulterjuri, il-Kunsill għandu ikun infurmat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qabel jittieħdu passi oħra jintalab parir legali u l-Kunsill ikun infurmat u tali deċiżjoni tkun dejjem tal-Kunsill.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kif wieħed seta' jinduna it-traffiku fiċ-ċentru tal-lokalita żdied b'mod allarmanti bl-għeluq ta' Vjal Sir Paul Boffa wara li l-Kunsill ma kien ikkonsultat bl-ebda mod bit-tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku. Is-Sindku qal li huwa nnota wkoll, u ġie ikkonfermat lilu mill-Awtorità tat-Trasport, illi kien żdied il-ħin tad-dewmien tat-traffic lights tal-Pjazza. Is-Sindku wkoll qal li kien qed jiġi kaġunat periklu b'vetturi kbar li qed jgħaddu minn Triq l-Arkata u infatti qed issir pressjoni kontinwa mal-Awtorità ta' Trasport u ma' Infrastruttura Malta sabiex ma jgħaddux vetturi kbar mit-triq.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Viċi Sindku staqsa lill-membri illi min jaf b'xi sportivi ħajjin jew mejtin li għamlu suċċess jinfurmah bihom fid-dawl li l-Kunsill kien mitlub mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex ngħaddu dawn l-ismijiet.

8.2. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar it-tiżjin tal-Milied hekk kif tkellmu miegħu l-għaqdiet tal-lokalita li qed jitolbu aktar assistenza fid-dawl tal-problemi finanzjarji li kulħadd qed jiffaċċja bil-pandemija. Is-Sindku qal li f'laqgħa li kellu magħhom, kien hemm qbil però sa laqgħa oħra kien ser jikkonferma kollox hekk kif ukoll jiddiskuti dan mal-entitajiet ta' Lourdes. Is-Sindku kompla li din is-sena ma jkunx xieraq li ssir il-kompetizzjoni. Il-Kunsillier Axisa xorta ssuġġerixxa li l-għajnuna tiżdied kemm jista' jkun. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa wkoll kien avviċinat mill-għaqdiet u jemmen li m'għandiex issir kompetizzjoni aktar għall-armar tal-Milied imma għandom jingħataw il-fondi abbażi ta' standard mogħti mill-Kunsill.

8.3. Il-Kunsillier Axisa staqsa wkoll dwar l-użu tal-vettura tal-Kunsill kif ukoll dwar il-bilanċ tal-fond tal-kawżi ġusti u kif il-Kunsilliera ma jkunux infurmati meta jkun ser issir xi għotja minn dan il-fond. Is-Sindku qal li l-vettura leased qed tintuża minnhu għax-xogħol tal-Kunsill waqt il-ħin tal-uffiċju. Dwar il-fond tal-kawżi ġusti is-Sindku qal li kull rendikont jista' jitolbu lill-amministrazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Axisa qal li qed jistaqsi dawn il-mistoqsijiet mhux għax għandu xi dubju ta' użu ħażin.

8.4. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar Jum Paola. Il-membri iddiskutew dan is-suġġett fl-isfond tal-pandemija u anke fid-dawl li d-data ta' din l-attività dejjem qed tkun mibdula. Wara diskussjoni il-membri qablu li għanda issir quddiesa ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni ta' Jum Paola lejn tmiem Novembru. Il-membri qablu wkoll li għanda issir riċerka sabiex tinstab data għal dan il-jum li tkun relatata mal-istorja tal-lokalita.

8.5. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar jekk jistax isir xi ħaġa għall-Halloween. Is-Sindku qalla li ma jistgħux isiru attivitajiet fl-isfond tal-pandemija.

8.6. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar il-*bring-in-sites* li kellhom jitpoġġew. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dawn għandom jitpoġġew fix-xhur li ġejjin però mhux ser ikun possibbli li issir waħda fis-suq però ser isiru fl-akwata ta' Carters u fi Triq Ninu Cremona.

8.7. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-għoti il-vaċċin tal-influwenza staġjonali. Is-Segretarju informa lill-membri li din is-sena, għar-residenti Pawlisti, din ser tingħata miċ-Ċentru tas-Saħħa filwaqt li ser jingħata servizz fid-djar lill-dawk l-anzjani li huma homebound.

8.8. Il-Kunsilliera Arqueros qalgħet li Jum Paola għandu jiġi ċċelebrat f'ġurnata marbuta mal-Gran Mastru De Paule li kien huwa li waqqaf dan il-lokal.

8.9. Il-Kunsilliera Arqueros tenniet li jkun għaqli jekk isir żvilupp fl-armar tal-Milied li jkun koordinat kemm fid-disinn u kemm fil-kuluri. Wara diskussjoni il-membri qablu li għanda issir diskussjoni fil-Kunsill dwar l-armar tal-Milied għas-snin li ġejjin.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 17 għas-somma ta' €44,377.06.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fit-7:45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 24 ta' Novembru 2020.

10.2. Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |